MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 162/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anton Vassallo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anton Vassallo talli b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe`:

(1) Fil-25 ta' Gunju 2003, ghall-habta ta' bejn nofs il-lejl u s-sitta neqsin kwart ta' filghodu, f'B'Kara, ikkommetta serq ta' mutur tal-marka Yamaha 80 bin-numru tar-registrazzjoni FAI-578, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz,

bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta’ John Azzopardi minn B’Kara;

(2) Fil-25 ta’ Gunju 2003 u fil granet ta’ wara din id-data, f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal sett ta’ pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru ABJ-259 fuq mutur tal-ghamla Yamaha 80 bin-numru ta’ registrazzjoni FAI-578;
(3) Fl-istess perijodu ta’ zmien fuq imsemmi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, billi wahhal in-numru tar-registrazzjoni ABJ-259 fuq mutur tal-ghamla Yamaha 80 bin-numru tar-registrazzjoni originali FAI-578;

(4) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix il-hamsin liri Maltin (Lm50) izda hi izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10) u cioe` fl-imsemmi mutur tal-ghamla Yamaha 80 bin-numru tar-registrazzjoni originali FAI-578, ghad-detriment ta’ John Azzopardi minn B’Kara;

(5) Fil-25 ta’ Gunju 2003, u fil-jiem ta’ wara din id-data, f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer, saq mutur tal-ghamla Yamaha 80 bin-numru ta' registrazzjoni originali FAI-578, b’numru ABJ-259 li japparteni lil vettura ohra, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess mutur minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura u b’hekk ma kienx kopert b’polza ta’ assikurazzjoni ghar-riskji tat-terzi persuni;

(6) Fil-15 ta’ Lulju 2003, ghall-habta ta’ bejn il-hamsa u t-tmienja w nofs ta’ filghodu, fil-Kalkara, ikkommetta serq ta’ mutur tal-marka Yamaha TTR Enduro bin-numru ta' registrazzjoni originali ABJ-259, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf liri Maltin (Lm1000), u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta’ Christian Mizzi mill-Kalkara;

(7) Fil-15 ta' Lulju 2003 u fil-granet ta' wara din id-data, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru FAB-263 fuq mutur tal-ghamla Yamaha TTR Enduro bin-numru ta' registrazzjoni originali ABJ-259;

(8) Fl-istess perijodu ta' zmien fuq imsemmi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal in-numru tar'registrazzjoni FAB-263 fuq mutur tal-ghamla Yamaha TTR Enduro bin-numru ta' registrazzjoni originali ABJ-259;

(9) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma taccedix il-hamsin liri Maltin (Lm50) izda hi izjed minn ghaxar liri Malti (Lm10) u cioe` fl-imsemmi mutur tal-ghamla Yamaha TTR Enduro bin-numru ta' registrazzjoni originali ABJ-259, ghad-detriment ta' Christian Mizzi mill-Kalkara;

(10) Fil-15 ta' Lulju 2003, u fil-jiem ta' wara din id-data, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, saq mutur tal-ghamla Yamaha TTR Enduro bin-numru ta' registrazzjoni originali ABJ-259, b'numru FAB-263, li jippartjeni lil vettura ohra, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess mutur minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni;

(11) Fis-16 ta' Lulju 2003, ghall-habta tal-hamsa w kwart ta' filghaxija, fin-Naxxar, ikkommetta serq ta' mutur tal-marka Honda VFR-750, bin-numru tar-registrazzjoni IAH-534, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf liri Maltin (Lm1,000), u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' David Bonett minn San Gwann;

(12) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma taccedix il-hamsin liri Maltin (Lm50) izda hi izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10), u cioe` fl-imsemmi mutur tal-ghamla Honda VFR-750 bin-numru tar-registrazzjoni IAH-534, ghad-detriment ta' David Bonett minn San Gwann;

(13) Fis-16 ta' Lulju 2003 u fil-jiem ta' wara din id-data, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, saq mutur tal-ghamla Honda VFR-750 bin-numru tar-registrazzjoni originali IAH-534, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess mutur minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni;

(14) Fl-1 ta' Lulju 2003, ghall-habta ta' bejn l-ghaxra ta' filghaxija u nofs il-lejl, fil-Kalkara, ikkommetta serq ta' mutur tal-marka Yamaha 175 bin-numru tar-registrazzjoni P-7531, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitt liri Maltin (Lm100), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Joseph Borda mill-Kalkara;

(15) Fl-1 ta' Lulju 2003 u fil-granet ta' wara din id-data, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru FAI-578 fuq mutur tal-ghamla Yamaha 175 bin-numru tar-registrazzjoni originali P-7531;

(16) Fl-istess perijodu ta' zmien fuq imsemmi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal numru tar-registrazzjoni FAI-578 fuq mutur tal-ghamla Yamaha 175 bin-numru tar-registrazzjoni originali P-7531;

(17) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor,

mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix il-hamsin liri Maltin (Lm50) izda hi izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10) u cioe` fl-imsemmi mutur tal-ghamla Yamaha 175 bin-numru tar-registrazzjoni P-7531 ghad-detriment ta' Joseph Borda mill-Kalkara;

(18) Fl-1 ta' Lulju 2003, u fil-jiem ta' wara din id-data, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, saq mutur ta' l-ghamla Yamaha 175 bin-numru tar-registrazzjoni originali P-7531, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess mutur minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni;

(19) F'xi hin fil-granet ta' bejn is-6 u s-7 ta' Settembru 1997, f'Bugibba, ikkommetta serq ta' pjanca tan-numri tar-registrazzjoni bin-numru Fab-263, minn fuq mutur tal-marka Yamaha V 80, liema serq hu kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' John Spiteri minn G'Mangia;

(20) Fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Frar 2003, f'Haz-Zabbar ikkommetta serq ta' Stereo CD receiver tal-marka Kenwood, bin-numru serjali KE2851 P0700547, u sett speakers tal-marka Kenwood, flimkien ma' curkett tad-deheb minn go vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni CHR-057, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitt liri Maltin (Lm100), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Dr. Christopher Muscat minn Haz-Zebbug;

(21) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix il-hames mitt liri Maltin (Lm500) imma hi izjed minn hamsin liri Maltin (Lm50) u cioe` fl-imsemmija vettura tal-marka Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni CHR-057, ghad-detriment ta' Dr. Christopher Muscat minn Haz-Zebbug;

(22) F'dawn l-ahhar xhur, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta diversi serqiet ta' stereos tal-marka

'Proline' bin-numru serjali mhux maghruf, u wkoll ta' stereo tal-marka 'Roadstar' bin-numru serjali F704974A, kif ukoll ta' Multiband Receiver tal marka Yupiteru bin-numru serjali 80800472 minn diversi vetturi ta' ghamlu u numru tar-registrazzjoni mhux maghrufa, ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa liema serq hu aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

(23) F'dawn l-ahhar xhur f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

(24) F'dawn l-ahhar xhur f'dawn il-Gzejjer, malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa jew haga mehuda b'qerq, jew akkwistata b'reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta kien hekk sar jaf;

(25) Sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(26) Kiser il-provvediment tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta fit-18 ta' Dicembru 2001, f'liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u lliberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin;

(27) Ikkommetta diversi reati/delitti li ghalihom hemm piena ta' prigunerija fil-perijodu operattiv ta' diversi sentenzi sospizi datati 18 ta' Dicembru 2001 u 14 ta' Lulju 2003, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' April 2006 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 281, 289, 188, 189, 325, 334, 334A, 49, 50, 28A sa 28H u 533 tal-Kap. 9, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65, l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104, l-artikoli 21, 22 u 23 tal-Kap. 446, sabet lill-

imsemmi Anton Vassallo hati ta' l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni ta' zewg muturi bin-numru ta' registrazzjoni ABJ-259 tal-ghamla Yamaha TTR ENduro ghad-dannu ta' Christian Mizzi u FAI-578 tal-ghamla Yamaha ghad-dannu ta' John Azzopardi u ta' hsara volontarja fuq dawn l-istess muturi, ta' l-imputazzjoni li uza dokumenti foloz u cioe` tal-pjanci ABJ-259 fuq il-vettura FAI-578, ta' l-imputazzjoni ta' serq aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa tal-mutur tal-ghamla Honda VFR 750 bin-numru ta' registrazzjoni IAH-534 ghad-dannu ta' David Bonett, u ta' ricettazzjoni ta' diversi accessorji ohra ta' vettura ghad-dannu ta' Dr. Chris Muscat u xi persuni mhux maghrufa, talli naqas li jgharraf lill-Pulizija dwar il-pussess li kellu ta' hwejjeg misruqa, talli huwa recidiv u talli ghamel dawn l-istess reati fil-perijodu operattiv ta' probation order u ta' zewg sentenzi sospizi, u kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' tliet snin, irrendiet operattivi s-sentenza sospiza tat-18 ta' Dicembru 2001 fejn gie kkundnnat sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin kif ukoll is-sentenza sospiza ta' l-14 ta' Lulju 2003 fejn gie kkundannat tlettax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn, u inoltre ttrattat mieghu mill-gdid dwar il-ksur tal-kondizzjoni mposta bis-sentenza tat-18 ta' Dicembru 2001 li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet snin billi kkundannatu ghal perijodu ta' sentejn prigunerija – b'kollox ghalhekk tmien snin u xahar prigunerija, filwaqt li ddikjaratu mhux hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra dedotti u lliberatu minnhom. Inoltre kkundannatu jhallas lir-Registratur is-somma ta' Lm83.70 bhala spejjez peritali u dan fi zmien xahrejn minn meta jigi hekk mitlub mir-Registratur u, fin-nuqqas, tali soma tigi konvertita fi prigunerija bir-rata ta' gurnata ghal kull hames liri (Lm5) dovuti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Anton Vassallo pprezentat fil-5 ta' Mejju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati talli kkommetta reat fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza datata 18 ta' Dicembru 2001 u talli kiser ordni ta' probation tat-18 ta' Dicembru 2001, kif ukoll thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena fejn ikkundannatu ghall-piena ta' tmien snin u

xahar prigunerija u minflok tigi mposta piena ekwa u gusta ghall-kaz odjern, u tikkonfermaha fil-kumplament;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xiehda ta’ Peppi Azzopardi u ta’ Claudine Azzopardi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) is-sentenza sospiza tat-18 ta’ Dicembru 2001 (li estendiet il-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija fl-1 ta’ Frar 2000) diga` giet reza effettiva b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta’ Marzu 2004; (2) ghall-ksur ta’ l-ordni ta’ probation maghmul fit-18 ta’ Dicembru 2001, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) diga` trattat kif jirrizulta mis-sentenza ta’ l-10 ta’ Novembru 2004; (3) il-kuncett ta’ *crime does not pay* m’ghadux applikabbli fiz-zminijiet tallum u l-iskop ta’ piena llum mhux biss dak ta’ deterrent jew retribuzzjoni izda ta’ rijabilitazzjoni, u piena karcerarja aktarx tkun kontro-produttiva fic-cirkostanzi, partikolarment minhabba l-fatt li l-appellant temm programm residenzjali kontra l-vizzju tad-droga; (4) l-ewwel Qorti ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv; (5) dwar is-sentenza sospiza ta’ l-14 ta’ Lulju 2003 jitlob li din tkun estiza; (6) huwa ghamel progress sostanzjali fil-personalita` tieghu kif jirrizulta mix-xiehda ta’ Claudine Azzopardi.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant ghandu ragun. Permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-1 ta’ Frar 2000 l-appellant kien gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal sentejn. B’sentenza ohra ta’ l-istess Qorti tat-18 ta’ Dicembru 2001, il-perijodu operattiv gie estiz ghal erba’ snin mid-data ta’ dik is-sentenza. Izda b’sentenza ta’ l-istess Qorti tas-26 ta’ Marzu 2004, is-sentenza sospiza ta’ sentejn prigunerija giet reza effettiva. Ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx terga’ tirrendi effettiva sentenza sospiza

li mhux biss giet reza effettiva izda li l-appellant ukoll skonta. Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi milqugh.

Kwantu ghat-tieni aggravju l-appellant ghandu ragun ukoll. Bl-istess sentenza msemmija tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Dicembru 2001, dik il-Qorti kienet ukoll ghamlet ordni ta’ probation favur l-appellant ghal perijodu ta’ tliet snin. B’sentenza ohra ta’ l-10 ta’ Novembru 2004, dik l-istess Qorti, wara denunzja ta’ l-ufficjal tal-probation fis-sens li l-appellant (allura “probationer”) ma kienx qieghed joqghod ghad-direttivi moghtija lilu, qalet hekk:

“Issa fil-kaz in ezami, din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza taghha tat-tmintax ta’ Dicembru 2001 kienet apparti li poggiet lill-imputat taht probation, ma kenitx illimitat ruhha ghal ordni tal-probation, imma wara li qieset ic-cirkostanzi tal-kaz kienet ukoll ikkundannatu ghall-hlas ta’ hames mitt lira Maltin. Jigifieri f’dan il-kaz din il-Qorti kienet ga` trattat mal-hati billi kkundannatu ghal multa.

Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti, rinfaccata bil-ksur tal-kondizzjonijiet ta’ ordni tal-probation da parti tal-imputat probationer Anton Vassallo ma tistax terga’ taghti kundanna ohra ghall-istess reati oltre dik li kienet ga` tat fl-ewwel sentenza taghha u l-unika triq li hija miftuha ghaliha hi dik li timponi kundanna ta’ hlas ta’ ammenda ta’ hamsin lira Maltin bhala kastig ghall-ksur ta’ ordni ta’ probation *ut sic* imma mhux ser izzid fuq il-kundanna li nghatat bis-sentenza fuq citata.”

Ordni ta’ probation, bhall-mizuri l-ohra msemmija fl-Att Dwar il-Probation (Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta), ghandu jinghata <u>minflok</u> il-piena relattiva ghar-reat li dwaru persuna tkun instabet hatja. Ghalhekk bis-sentenza citata tat-18 ta’ Dicembru 2001 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kellha proprjament taghzel bejn li tikkundanna lill-hati ghall-hlas ta’ multa jew taghmel ordni ta’ probation. Galadarba jidher car mill-pronunzjament taghha fis-sentenza ta’ l-10 ta’ Novembru 2004 illi l-multa nflitta bis-sentenza tat-18 ta’ Dicembru 2001 kienet intiza bhala l-piena ghar-reati li dwarhom l-appellant (allura imputat)

kien instab hati, f'dawn il-proceduri l-ewwel Qorti (presjeduta mill-istess Magistrat) ma setghetx tittratta mieghu ghall-ksur ta' l-istess ordni ta' probation. Kwindi anke dan l-aggravju qieghed jigi milqugh.

Kwantu ghall-aggravji l-ohra, dawn jirrigwardaw il-piena nflitta mill-ewwel Qorti, kompriz li gabet fis-sehh is-sentenza sospiza ta' l-14 ta' Lulju 2003.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Minn ezami ta' l-artikoli relevant ital-ligi applikabbli jirrizulta li l-piena nflitta taqa' sew fil-parametri tal-ligi. Bizzejjed jinghad li l-piena applikabbli dwar is-serq tal-mutur Honda VFR 750 hija ta' prigunerija ghal zmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin u li ma tinghatax fil-*minimum*. Jigifieri l-anqas piena possibbli ghal dak ir-reat huwa ta' tlieta u ghoxrin xahar u ghaxart ijiem u ma' dik il-piena trid tizdied minn terz sa nofs tal-pieni dwar ir-reati l-ohra, mehud in konsiderazzjoni l-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 dwar is-sejbien ta' htija dwar id-diversi reati ta' ricettazzjoni. Ghalhekk, il-piena ta' tliet snin prigunerija nflitta mill-ewwel Qorti hija kwazi fil-*minimum* possibbli.

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti osservat illi l-appellant (allura imputat) kien inghata "diversi cansijiet" mill-Qrati taghna. Dan huwa minnu. Difatti mill-fedina penali aggornata tieghu jirrizulta illi mill-1994 inghata tliet ordinijiet ta' *probation*, *conditional discharge* ghal darbtejn, sentenza sospiza ta' prigunerija darbtejn, kif ukoll diversi multi u ammendi. L-ewwel Qorti qalet ukoll illi huwa minnu li l-appellant irregistra progress fil-komportament tieghu izda ma setghetx tinsa d-diversi opportunitajiet li kien inghata, id-diversi imputazzjonijiet li sabitu hati taghhom u

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

l-fatt li hafna mill-vittmi ma gewx kumpensati. Bazikament jigifieri dik il-Qorti kkunsidrat dak kollu li kien relevanti meta giet biex tiddeciedi dwar il-piena.

Issa, bhalma ntqal fis-sentenza ta’ din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta’ Novembru 2006:

**“Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta’ dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta’ persuni li b’ghemilhom juru li huma ta’ minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta’ reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta’ deterrent generali. Il-Qrati ta’ gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.”**

Din il-Qorti hija wkoll tal-fehma li, in kwntu s-sentenza ta’ tliet snin prigunerija li mponiet l-ewwel Qorti dwar l-imputazzjonijiet li sabet lill-appellant hati taghhom, tali pena hija gustifikata. Din il-Qorti tapprezza l-isforzi li ghamel l-appellant biex ibiddel hajtu, izda parti mill-process ta’ responsabilizzazzjoni jinkludi li persuna taccetta li tigi punita ghall-hsara li tkun ghamlet lil persuni individwali u lis-socjeta` in generali.

Nonostante dan, din il-Qorti, wara li semghet ix-xhieda prodotti in difesa, hija tal-fehma li tista’ tkun ukoll klementi ma’ l-appellant peress illi setghet tifhem illi dak li kien qieghed iwasslu biex jikkommetti dawn ir-reati kollha kienet il-personalita` tieghu li ma kinitx thallih jifhem il-gravita` tal-konsegwenzi ghall-agir irresponsabbli u impulsiv tieghu. Skond Claudine Azzopardi, psikologa ma’ l-Agenzija Sedqa, dan kollu issa nbidel. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li jkun opportune illi s-sentenza

sospiza ta' l-14 ta' Lulju 2003 tigi estiza ghall-perijodu massimu posibbli minflok migjuba fis-sehh sabiex l-appellant ikollu element ta' deterrent biex ma jergax jaqa' fin-nassa tal-kriminalita`.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu nstab hati li kkommetta r-reati odjerni matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qort tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-18 ta' Dicembru 2001 u rrendiet dik is-sentenza sospiza effettiva u minflok tiddikjarah mhux hati ta' tali imputazzjoni u minnha tilliberah; tirrevokaha in kwantu sabitu hati li kkommetta r-reati odjerni matul il-perijodu ta' l-ordni ta' *probation* maghmul bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura kriminali fit-18 ta' Dicembru 2001 u kkundannatu ghal sentejn prigunerija u minflok tiddikjarah mhux hati ta' din l-imputazzjoni u minnha tilliberah; tirrevokaha in kwantu rrendiet effettiva s-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-14 ta' Lulju 2003 u minflok, a tenur ta' l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, testendi t-terminu ta' tlettax-il xahar prigunerija sospizi bis-sentenza ta' l-14 ta' Lulju 2003 ghal perijodu ulterjuri ta' erba' snin millum; tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu kemm-il darba jikkommetti matul il-perijodu operattiv ta' l-imsemmija sentenza sospiza reat li ghalh hemm il-piena ta' prigunerija. Tattira wkoll l-attenzjoni tar-Registratur ghad-dmirijiet tieghu skond l-artikolu 28B(4)(5) tal-Kap. 9. **Fl-ahharnett din il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin li jinserixxi lill-appellant fi programm residenzjali tas-Sedqa (jew komunita` ohra) sabiex l-appellant ikompli jshhah il-progress li ghamel u fl-istess hin ikun ta' ghajnuna ghal haddiehor fl-istess programm/i residenzjali.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------